MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1728/2002

**Avviz Numru 1728/02 AJD**
**Strand Electronics Limited**

**vs**

**C&F Building Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm82.80) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta u prezz ta'' servizzji rezi u kiri ta' makkinarju.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu 2001 u 15 ta' Frar 2002, u bl-imghax mid-data tal-konsenja kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Ottubru 2002 fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjurri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-27 ta' Awissu 2001 u 15 ta' Frar 2002.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**